MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 37/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carlos Falzon**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carlos Falzon talli nhar-is 16 ta' Dicembru 2010 wara l-1730hrs f'dawn il-Gzejjer:

(1) kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D fil-11 ta' Novembru 2010, f'dan li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-1730 hrs u ma johrogx minn hemm qabel id-0930hrs ta' l-ghada fil-ghodu waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta'

€4,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

(2) b'hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' xahar sospiza ghal sitt xhur, moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D. nhar-il 24 ta' Marzu 2010, liema sentenza sospiza giet estiza ghal sitt xhur ohra mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b'sentenza datata 23 ta' Gunju 2010;

(3) b'hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tliet snin li giet impsota fuqu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b'sentenza datata 23 ta' Gunju 2010;

(4) b'hekk renda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D. nhar-il 24 ta' Marzu 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur ta' l-artikoli 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Carlos Falzon u tordna l-arrest mill-gdid tieghu kif ukoll tordna li s-somma ta' €4,000 bhala garanzija personali, tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carlos Falzon hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 579, 28B(2), 22, 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kap. 446, kollox ma' kollox, ikkundannatu €100 multa;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha

f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat Carlos Falzon hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn infliggiet il-piena u minflok tinfliggi l-piena idoneja u gusta skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda ta’ l-Ispettur James Grech; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jqis kompletament zbaljata u mhux fil-parametri tal-ligi. Issa, minbarra li l-appellant iqis li multa ta’ €100 hija *de minimis* ghax dan jibghat messagg li l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mhux ikkunsidrat bhala ta’ konsegwenza serja, jghid illi l-ewwel Qorti ma tatx ragunijiet ghaliex ma rrendietx operattiva s-sentenza sospiza msemmija fit-tieni imputazzjoni, u lanqas ma ziedet il-piena minhabba r-recidiva.

**6.** Din il-Qorti tibda biex tosserva illi wara li nghatat is-sentenza appellata fis-17 ta’ Jannar 2011, inghatat sentenza ohra fil-konfront ta’ l-appellat Carlos Falzon mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-27 ta’ Mejju 2011 – u li ma gietx appellata la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza (ara l-verbal li sar quddiem din il-Qorti fit-13 ta’ Lulju 2011) – li permezz taghha dik il-Qorti dahhlet fis-sehh is-sentenza sospiza ta’ xahar prigunerija moghtija mill-istess Qorti fl-24 ta’ Marzu 2010 kif ukoll ittrattat ma’ l-istess Carlos Falzon ghar-reati li taghhom instab hati fit-23 ta’ Gunju 2010, u li dwarhom kien tqieghed taht *probation*, daqs li kieku kien ghadu kemm instab hati taghhom u kkundannatu seba’ xhur prigunerija dwarhom. F’dan l-istadju ghalhekk din il-Qorti trid biss tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u allura kull sottomissjoni ta’ l-Avukat Generali fir-rigward trid tigi skartata.

**7.** Issa, b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni, l-appellant jghid li l-appellat kiser sfaccatament il-kundizzjonijiet imposti fuqu koncedenti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Huwa jsostni li l-Qrati ghandhom izommu f’mohhhom il-gid

tas-socjeta` in generali, u li jkunu severi f'dan ir-rigward biex il-piena sservi principalment ta' deterrent. L-appellant jirrimarka li il-ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest ghandu jitqies bhala reat serju u censurabbli bl-aktar mod sever.[1]

**8.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa lill-Qorti ghal dik li hija piena: **"il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jista' jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta"**. L-ewwel Qorti dehrilha li kellha timponi l-piena tal-multa wara li qieset illi l-ksur ma kienx wiehed ta' konsegwenza serja u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li qalet l-ufficjal tal-*probation* Chantalle Avellino li l-appellat kien qieghed isegwi d-direttivi taghha u skond l-ahhar analizi tal-kampjun ta' l-urina hareg rizultat negattiv fl-uzu ta' droga. Fil-fatt f'dan il-kaz jidher li n-nuqqas ta' l-appellat kien li ma kienx id-dar fil-hin li suppost kellu jkun id-dar, u ghalkemm qal li kien mar il-Floriana Health Centre ghan-*nebulizer*, dan ma rrizultax lill-Ispettur Grech meta ccekkja ma' dak ic-Centru.

**9.** Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, l-appellant erronejament jghid li galadarba l-appellat instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni, il-piena "ghandha tizdied bi grad jew tnejn". L-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, jipprovdi li l-persuna recidiva **"<u>tista'</u> tehel piena akbar bi <u>grad wiehed</u> mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk izzidx il-piena bi grad jew le.

**10.** Konsegwentement jidher li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi. Il-konkluzjoni kienet tkun differenti li kieku din il-Qorti kellha tittratta ma' l-appellat dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ghalhekk din il-Qorti

[1] Is-sentenza li ghaliha jirreferi l-appellant, **Il-Pulizija v. Manwel Borg**, Appell numru 68/01, moghtija fl-1 ta' Frar 2002, m'ghandha x'taqsam xejn ma' ksur ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

hi tal-fehma li m’hemmx lok li tigi varjata l-piena salv dak li se jigi provdut.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet ghal dik li hija piena stante dak li ntqal fis-sitt paragrafu, u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi l-multa ta’ mitt euro (€100) ghandha tithallas minnufih u, fin-nuqqas, qed tigi kkonvertita fi prigunerija ghal perijodu ta’ disat ijiem.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------